**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 07/2025

**L-Erbgħa 25 ta' Ġunju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-16:00.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Therise Abela – Kunsillier

Carmel Cesare – Kunsillier ***(li wasal fl-16:20)***

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 07.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

07.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienet waslet ebda talba t'apoloġija u l-membri kollha kienu preżenti.

### 07.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 06/K9/2025.

07.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 06/K9/2025 kif ippreżentati.

07.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 07.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4248/25/I** Kwotazzjoni mingħand Best Print għal printing ta' 1,200 flyer fuq A5.

**46/4249/25/I** Kwotazzjoni mingħand Abbey għal printing ta' 1,200 flyer fuq A5.

**46/4250/25/I** Kwotazzjoni mingħand Bonnici Press għal printing ta' 1,200 flyer fuq A5.

07.03.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4248/25/I, 46/4249/25/I u 46/4250/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi bl-irħas kwotazzjoni u dan hekk kif titlob il-proċedura.

07.03.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4254/25/I** Email mingħand resident fejn talab biex fejn il-grawnd ta' Swieqi United, isiru tabelli ta' *Do not Disturb the residents keep quiet*.

07.03.4 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4254/25/I** fejn ippropona li apparti fiż-żona indikata, il-Kunsill għandu jipproċedi ukoll bl-istess tabelli fejn il-Ground ta' Pembroke Athleta, kif ukoll f'postijiet oħra fejn ikun hemm bżonn.

07.03.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4364/25/I** Email mingħand il-librar fejn informa lill-Kunsill li rċieva fondi għal xiri ta' kotba u talab laqgħa mal-Kunsill sabiex jiddiskuti xi ideat li għandu.

07.03.7 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4364/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-librar nhar it-Tlieta l-1 ta' Lulju 2025 fil-ħin ta' filgħodu.

07.03.8 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.03.10 ***Il-Kunsillier Charles Cesare ingħaqad fil-laqgħa fl-16:20.***

**46/4549/25/I** Email mingħand il-Perit Carmel Cacopardo fejn bagħat l-abbozz ta' sottomissjonijiet dwar ir-Reviżjoni tal-Pjan Lokali dwar Villa Rosa.

**46/4564/25/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech fejn bagħat xi tibdiliet li għamel fl-abbozz.

**46/4565/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Charles Cesare fejn informa l-Kunsill li jaqbel ma' dak propost mill-Viċi Sindku.

**46/4566/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Charles Cesare fejn informa l-Kunsill li jaqbel li l-Kunsill joġġezzjona.

**46/4568/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Therese Abela fejn informat lill-Kunsill li taqbel mal-oġġezzjoni li saret minnaħa tal-Perit u ma' l-istatement li żid il-Viċi Sindku Adrian Ellul.

**46/4577/25/I** Email mingħand is-Sur Rafel Grima fejn bħala resident ta' Pembroke u attivist tal-Moviment Graffitti Pjan talab laqgħa mal-Kunsill Lokali dwar il-Pjan Lokali għall-Villa Rosa.

**46/4590/25/I** Email li s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit bagħat lill-Perit Cacopardo fejn intbagħat id-dokument bl-emendi fih, kif maqbul mill-membri tal-Kunsill.

**46/4602/25/I** Email mingħand il-Perit Carmel Cacopardo fejn ikkonferma li d-dokument ġie sottomess.

07.03.11 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4549/25/I, 46/4564/25/I, 46/4565/25/I, 46/4566/25/I, 46/4568/25/I, 46/4577/25/I, 46/4590/25/I u 46/4602/25/I** fejn ippropona li d-dokument indikat jiġi ratifikat.

07.03.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

07.03.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4593/25/I** Kwotazzjoni mingħand Skyline Plastic Works għal provvista ta' plastik biex jitwaħħal fis-sala bħala protezzjoni għall-ħajt.

07.03.14 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4593/25/I** fejn ippropona li tiġi ratifikata l-ordni li diġa saret.

07.03.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4610/25/I** Email mingħand Sprachcaffe fejn approvaw li jipprovdu l-provvista tad-dawl għall-magna tal-ATM u talbu laqgħa mal-Kunsill.

**46/4646/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn ġew infurmata li Sprachcaffe approvaw li jipprovdu l-provvista ta' dawl għall-magna tal-ATM u lill-Kunsill mhux ser tinvolvi spejjeż.

**46/4713/25/I** Email mingħand Euronet fejn bagħtu il-ftehim għas-servizz tal-ATM f'Pembroke.

07.03.17 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4610/25/I, 46/4646/25/I u 46/4713/25/I** fejn ippropona li l-ftehim propost hemm bżonn li jiġi emendat u għalhekk ser jerġa' jiġi iċċirkolat mal-membri għall-approvazzjoni tagħhom wara l'issir konsultazzjoni mal-kumpanija

konċernat, u għalhekk jekk ikun hemm qbil permezz t'emails, ikun jista' jiġi iffirmat u ratifikat fil-laqgħa li jkun imiss.

07.03.18 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4618/25/I** Email mingħand kumpanija lokali fejn informa l-Kunsill li bħalissa qed jaħdmu fuq film u talbu l-permess tal-Kunsill biex jużaw il-parkeġġ fuq wara tal-grawnd ta' Pembroke Athleta.

07.03.20 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4618/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba.

07.03.21 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4619/25/I** Email mingħand B. Grima & Sons fejn bagħat kwotazzjoni għal żebgħa ta' kaxxi sofor għall-prezz ta' €1.80c + VAT per mt.

07.03.23 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4619/25/I** fejn ippropona li jiġi ordnat ix-xogħol fejn kien sar xogħol minn IM li tkopri Triq Mikiel Ang Grima, Triq A Cini u Triq Dun A Sisner. Il-kelliem żied li fejn hemm żvilupp tal-kostruzzjoni, għandu għalissa jinqabeż.

07.03.24 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.03.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4621/25/I** Email mingħand l-iskola Primarja fejn qed jitolbu li tiżdied ġurnata oħra meta tinġabar il-borża s-sewda prefebilment nhar ta' Ġimgħa.

07.03.26 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4621/25/I** fejn saħaq li sfortunatament, l-iskeda ta' kollezzjoni ta' ġbir ta' skart hija stabbilita' bil-Liġi, u għalhekk il-Kunsill ma jistax jemenda din l-iskeda. Intant il-kelliem ippropona li l-iskola għandha tkun infurmata b'dan.

07.03.27 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4657/25/I** Email mingħand The Energy and Water Agency fejn informaw lill-Kunsill li ser jibda x-xogħol fuq PBK-005-P - Charging Pillar fil-parkeġġ fejn Triq Burma/Pjazza Beatu Nazju Falzon u bagħtu żewġ proposti minn fejn jistgħu jgħaddu d-dawl u talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill.

07.03.29 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4657/25/I** fejn wara diskussjoni li saret kien hemm qbil l'idejalment is-servizz ikun ta' fast charging u għalhekk issir trinka sa Triq Don Luigi Rigord.

07.03.30 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.03.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4712/25/I** Kwotazzjoni mingħand Mdina Glass għal mementos għal Jum Pembroke.

07.03.32 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4712/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi b'din il-kwotazzjoni u jsiru mementos bħal tas-sena li għaddiet.

07.03.33 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4738/25/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech fejn qed iressaq proposta sabiex il-post office li jinqdew ir-residenti ta' Pembroke jinbidel minn dak ta' Paceville għal dak ta' Swieqi.

07.03.35 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4738/25/I** fejn ressaq din l-istess proposta quddiem il-Kunsill b'argument li filwaqt li l-kumpanija msemmija hija privata, il-Kunsill għandu dmir li jipprova jwettaq din il-proposta jekk din tista' twassal li r-residenti jieħdu servizz aħjar minn dak li qed jieħdu llum, u għalhekk ippropona li jintbagħat email lill-kumpanija b'din l-istess proposta.

07.03.36 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4785/25/I** Email mingħand il-Public Works fejn b'referenza għax-xogħol fil-passaġġ Triq Alamein/Triq Giorgio Mitrovich Pembroke talbu l-għajnuna tal-Kunsill fir-rigward tas-siġar li hemm.

07.03.38 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4785/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

07.03.39 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4843/25/I** Email mingħand Home Economists in Action fejn staqsew lill-Kunsill dwar jekk hemmx interess li jiġi ospitat il-kors b'xejn - Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar.

07.03.41 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4843/25/I** fejn ippropona li tintlaqa t-talba u talab l-amministrazzjoni biex titlob aktar dettalji rigward ħinijiet u dati proposti.

07.03.42 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.43 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4846/25/I** Email mingħand LGD fejn talbu li jiġu provduta bil-ġranet meta hija disponibbli s-sala tal-Kunsill biex tintuża 4 darbiet tul Lulju ħalli jinżamm il-kors tal-Mental Health First Aid.

07.03.44 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4846/25/I, 46/4951/25/I, 46/4959/25/I u 46/4960/25/I** fejn talab lill-amministrazzjoni biex jinstabu ġranet adegwati li fihom jista' jinżamm dan il-kors, anke vis a vis li jekk mhux ser ikun hemm membru tal-Kunsill disponibbli biex jiftaħ, ser jintalab biex persuna mill-amministrazzjoni taħdem over-time biex is-servizz ikun jista' jingħata.

07.03.45 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.03.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4805/25/I** Permess RWP1/1285/25 sabiex isir main tal-ilma tul parti minn Triq il-Mediterran.

07.03.47 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4805/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba, anke abbażi tal-fatt li dan jorbot ma' xogħol ta' tisħiħ infrastrutturali li għandha bżonn il-lokalita'.

07.03.48 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4806/25/I** Email mingħand il-librar fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir lejla letterarja mal-awtur Ryan Falzon nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju bejn il-17:00 u s-19:00.

07.03.50 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4806/25/I** fejn ippropona li tintlaqa' din it-talba.

07.03.51 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.03.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4841/25/I** Email mingħand PA bl-applikazzjoni PA04213/25 – Site Triq Sant'Andrija – Proposed externally illuminated single sided billboard.

**46/48242/25/I** Email mingħand PA bl-applikazzjoni PA04214/25 – Site Triq Sant'Andrija – Proposed LED screen billboard.

07.03.53 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4841/25/I u 46/4842/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill joġġezzjona abbażi ta' pożizzjoni li diġa ħa preċedentement fuq applikazzjonijiet simili.

07.03.54 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4875/25/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn informaw lill-Kunsill bil-proġett Lvant 2025 u staqsew jekk fil-lokal hux ser issir xi attività bejn is-16 ta' Lulju u 16 ta' Awwissu.

07.03.56 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4875/25/I** fejn informa lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet ma' Project Green sabiex issir attività magħhom, u għalhekk ikun ideali li jkun hemm kollaborazzjoni fuq dan il-proġett. Il-kelliem informa lill-Kunsill li ser ikun qed jinforma lill-membri meta jkun hemm aktar informazzjoni.

**46/4903/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn informa l-Kunsill li kellu talba minn residenta biex jekk huwa possibbli ssir zebra crossing minn quddiem il-Knisja għan-naħa l-oħra fejn hemm l-istage tal-linja.

07.03.57 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4903/25/I** fejn ippropona li minħabba restrizzjonijiet ta' parkeġġ kif ukoll minħabba xogħol li ser isir fl-akwata, ikun għaqli li din id-diskussjoni titħalla għal żmien ieħor skond l-esiġenzi li jkun hemm.

07.03.58 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4905/25/I** Email mingħand Sport Malta fejn informaw lill-Kunsill dwar jekk jixtieqx jipparteċipa fil-European Week of Sport.

**46/4904/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn jaqbel li l-Kunsill jipparteċipa u tiġi organizzata mixja żgħira madwar ftit toroq fil-lokal u fiha jkunu jistgħu jipparteċipaw l-anzjani.

07.03.60 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4904/25/I u 46/4905/25/I** fejn ippropona li tintlaqa' din it-talba u staqsa lill-Kunsillier Charles Cesare sabiex jieħu l-inkarigu, fid-dawl li huwa responsabbli mill-isports.

07.03.61 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.03.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4941/25/I** Email mingħand TM fejn bagħtu applikazzjoni għal permess għal parkeġġ riservat personalizzat minn resident li joqgħod Blk B7 Triq Pietro Rossell.

07.03.63 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4941/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

07.03.64 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4513/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn talab l-approvazzjoni tagħhom għall-infieq li hemm bżonn fl-upgrading tal-uffiċċju amministrattiv.

07.03.66 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/4513/25/I** fejn ippropona li tiġi ratifikata din it-talba.

07.03.67 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.03.68 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.03.69 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill javviċina lin-Nutar Alex Sciberras Trigona biex f'każ ta' bżonn ta' pariri notarili, ikun jista' jassisti lill-Kunsill f'dak li jkun hemm bżonn.

07.03.70 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.03.71 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

07.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 07.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

07.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 06/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 06/K9/25 u 07/K9/25. **(Ara Dok. 01)**

07.05.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 06/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

07.05.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.05.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.06 Ħruġ t'offerti għal servizz ta' Contracts Manager.

**46/4600/25/O** Default notice lill-CM b'referenza għan-nuqqasijiet elenkati fil-korrispondenza.

**46/4601/25/I** Email mingħand MAKS fejn b'referenza għad-default notice nformaw lill-Kunsill li ma jsibu ebda oġġezzjoni li l-Kunsill iwaqqaf il-kuntratt magħhom b'mod immedjat.

**46/4719/25/O** Email lill-CM MAKS fejn ġew infurmati li l-kuntratt eżistenti ser jibqa' fis-seħħ sal-aħħar tax-xahar ta' Ġunju u t-terminazzjoni tiegħu ser tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, li ser issir nhar il-25 ta' Ġunju 2025.

**46/4716/25/I** Email mingħand MAKS fejn informa l-Kunsill li peress li ma ntbagħtitx risposta, ifisser li l-Kunsill irid iwaqqaf il-kuntratt magħhom b'mod immedjat u għaldaqstant it-talba tal-Kunsill ġiet milqugħa.

07.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-korrispondenza 46/4600/25/O, 46/4601/25/I, 46/4716/25/O u 46/4719/25/I fejn irrimarka li l-wara email li l-Kunsill bagħat lill-CM dwar in-nuqqasijiet li l-Kunsill kien qed jara fis-servizz, dawn wieġbu lura li minnaħa tal-kumpanija kienu qed joffru li ma jsibu ebda oġġezzjoni li jitwaqqaf il-kuntratt b'mod immedjat. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li jilqa' din it-talba u l-Kunsill jittermina b'mod immedjat il-Kuntratt b'effett mit-30 ta' Ġunju 2025.

07.06.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.06.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.07 Aġġudikar ta' Tenders 01 u 02/2025.

07.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-proċess tal-Bord tal-Aġġudikar kien għadu mhux konkluż u għalhekk dan l-item ser jitħalla għall-laqgħa oħra fejn jekk ikun hemm il-bżonn ser issir laqgħa b'urġenza dwar dan l-item biss.

## 07.08 Jum Pembroke 2025.

07.08.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 07/2025** – Lista ta' kwotazzjonijiet għal diversi servizzi relatata ma' Jum Pembroke kif ukoll għall-attività' li ser issir għall-familja kollha. **(Ara Dok. 02)**

07.08.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 07/2025** fejn ippropona li l-Kunsill jipproċedi kif meħtieġ.

07.08.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.09 Talbiet għal-devoluzzjoni ta:

- **Art fi Triq Pietru Darmenia biswit Blokk 6 saż-żona ta' bejn Sit A1-A4 u A5-A11;**
- **Art bejn Triq Suffolk u Triq ANZAC;**

07.09.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob biex l-art fi Triq Pietru Darmenia biswit Blokk 6 inkluż iż-żona li hemm bejn is-sit A1-A4 u A5-A11, tingħadda lill-Kunsill ħalli jkunu jistgħu jsiru proġetti pubbliċi.

07.09.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

07.09.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

07.09.4 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob biex l-art bejn Triq Suffollk u Triq ANZAC li hemm bejn is-sit tal-Ambaxxata Ċiniża u dik ta' Fino Group, tingħadda lill-Kunsill ħalli jkun jista' isir proġett pubbliku.

07.09.1 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

07.09.2 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

07.10.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 03, 04, 05, 06, 07 u 08)**

07.10.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

07.10.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

07.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07.11 Mozzjonijiet.

07.11.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 07.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

07.12.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fil-17:10 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Lulju 2025 fl-4:00pm.

**Konfermati, illum 30 ta' Lulju, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit<br>**Sindku** | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 06/2025**

**25 ta' Ġunju 2025**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 06/K9/25 u 07/K9/25

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 99 | 2025 | Mica Med | Tlabna tiġi rrangata lampa tixgħel u titfi W084 fi Triq Giorgio Mitrovich ma' Dar 5. |
| 100 | 2025 | 360 Solutions Ltd. | Infurmajnihom li l-kwotazzjoni tagħhom għal irrangar tas-saqaf tal-latrini fil-Gnine madre Teresa ta' Kakutta ġiet aċċettata għall-prezz ta' €572.30. |
| 101 | 2025 | Bonnici Press 1924 | Printing ta' fuljetti Laqgħa tal-lokalita' |
| 102 | 2025 | Mica Med | Irrangar ta' lampa W061 fi Triq Gabriel Henin. |
| 103 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna sabiex tinbidel l-istruttura tal-konkos tal-isem ta' Triq Sir Luigi Preziosi |
| 104 | 2025 | B.Grima & Sons | Tlabna sabiex isir parkeġġ riservat għas-CPD fi Triq Falaise kif ukoll it-tabelli neċessarji |
| 105 | 2025 | Multi Packaging Ltd. | Tlabna jissupplixxu kaxxi, tape u kartun ghall-manutenzjoni fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali |
| 107 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna ssir tinda fil-parkegg tal-Kunsill. |
| 108 | 2025 | Skyline Plastiks Works | Tlabna jsiru bicciet ta' clear cast acrylic biex jehlu mal-hajt. |
| 109 | 2025 | Bonnici Press 1924 | Printing ta' fuljett Festa Familja |
| 110 | 2025 | Mica Med | Isir cable ġdid għas-sistema tal-alarm ġewwa l-Kunsill. |
| 111 | 2025 | Comtec | Tlabna sabiex jissupplixxu kimika tal-insetti. |
| 112 | 2025 | IBIS Group | Tlabna sabiex tiġi rranġata l-problema tal-internet f'wieħed mill-PC. |
| 113 | 2025 | Mdina Glass | Ordni ta' 8 mementos ghall-attivita' tal-5 ta' Lulju 2025. |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Av. Kaylon Zammit **Viċi Sindku** : Adrian Dominic Ellul Grech
**Kunsilliera** : Therise Abela, Carmel Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 07/2025**

**25 ta' Ġunju 2025**

# Kwotazzjonijiet għall-attivita' – 5 ta' Lulju 2025

| Kumpanija | Servizz | Prezz inkluż il-Vat |
|---|---|---|
| | | |
| **Papas Siggiewi (Inc 46/5290/25/I)**<br>Email: papassiggiewi@gmail.com | Rental stalls, bistro tables, equipment & assistance | **€1,327.50 inc VAT** |
| | | |
| **Bouncy Castles Malta (Inc 46/4762/25/I)**<br>Email : info@bouncycastlesmalta.com | Bouncy castle | **€265.50 inc VAT** |
| **Jump Malta (Inc 46/4844/25/I)**<br>Email: jumpmalta@yahoo.com | Bouncy castle | **€210.00**<br>**Exc attendant** |
| | | |
| **CMRC Services (Inc 46/4693/25/I)**<br>Email: info@cmrcservices.com | Risk Assessment | **€470.00 inc VAT** |
| **St. Bernards Safety Training Centre (Inc 46/4697/25/I)**<br>Email: info@healthandsafety.com.mt | Risk Assessment | **€475.00 inc VAT** |
| **Joseph Camilleri (Inc 46/4916/25/I)**<br>Email : jsph_camilleri@yahoo.com | Risk Assessment | **€206.50 inc VAT** |
| | | |

PEMBROKE

**Sindku** : Av. Kaylon Zammit **Viċi Sindku** : Adrian Dominic Ellul Grech
**Kunsilliera** : Therise Abela, Carmel Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)

| | | |
|---|---|---|
| **Pullicin Chairs & Tables (Inc 46/4914/25/I)**<br>**Email : pullicin@ymail.com** | Siġġijiet u mwejjed | 100 siġġu u 15 il-mejda<br>**€188.80 inc VAT** |
| **Tec Malta (Inc 46/4850/25/I)**<br>**Email : halima@tecmalta.com** | Siġġijiet u mwejjed | 100 siġġu u 15 il-mejda<br>**€536.90 inc VAT** |
| | | |
| **Bonnici Press (Inc 46/4250/25/I)**<br>**Email : emibonnici@gmail.com** | Printing 1,200 flyer | **€78.75 inc VAT** |
| | | |
| **Mdina Glass (Inc 46/4712/25/I)**<br>**Email : nevise@mdinaglass.com.mt** | Mementos | **€38.50 inc VAT each**<br>**€38.50 x 8 = €308.00 inc VAT** |
| | | |
| **Audio Malta (Inc 46/4776/25/I)**<br>Email: karl@audiomalta.com | Audio<br>Stage<br>Lights<br>Generator | **€1,374.70 inc VAT**<br>**€584.10 inc VAT**<br>**€3,604.90 inc VAT**<br>**€584.10 inc VAT** |
| **Tec Malta. (Inc 46/4851/25/I)**<br>Email : halima@tecmalta.com | Audio<br>Stage<br>Lights<br>Generator | **€1,276.76 inc VAT**<br>**€654.90 inc VAT**<br>**€4,755.40 inc VAT**<br>**€672.60 inc VAT** |
| **Sound Tech Malta Ltd. (Inc 46/4953/25/I)**<br>Email : info@soundtechmalta.com | Audio<br>Stage | **€649.00 inc VAT**<br>**€649.00 inc VAT** |
| **Caruana Light Decor (Inc 46/5043/25/I)** | Lights<br>Generator | **€1,817.20 inc VAT**<br>**€354.00 inc VAT** |
| | | |
| **Zammit Valeria (Inc 46/4786/25/I)**<br>Email: vallery2988@gmail.com | Servizz ta' Ritratti | **€400.00 inc VAT** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Robert Azzopardi (Inc 46/4952/25/I)**<br><br>Email : r.azzopardi85@gmail.com | Videographer | **€600.00 inc VAT** |
| **Damian Mizzi (Inc 46/4856/25/I)**<br><br>Email : damianmizzicomposer@gmail.com | Videographer | **€531.00 inc VAT** |
| **Vinity Media (Inc 46/4862/25/I)**<br><br>Email : info@vinity.media | Videographer | **€708.00 inc VAT** |
| | | |
| **Sarah Zammit Randich (Inc 46/5323/25/I)**<br><br>Email: zammitrandicsarah@gmail.com | Bunting | **€476.60 inc VAT** |
| | | |
| **Michael Farrugia (Inc 46/4989/25/)** | Runner Lejla Kulturali | **€100.00 inc VAT** |
| | | |
| **Salvu Cleaning Services (Inc 46/5146/25/I)**<br><br>Email: salvucleaningservices@gmail.com | 3 Mobile toilets | **€153.40 inc VAT** |
| **Zaren (Inc 46/5084/25/I** | 3 mobile toilets | **€75.00 inc VAT (Not available on the day)** |
| | | |
| **Red Cross (Inc 46/5054/25/I)** | First aiders | **Free** |
| | | |
| **Kunsill Raġjun Lvant (Inc 46/4958/25/I)** | Bins | **Free** |
| | | |
| **Claire Agius Ordway (Inc 46/5166/25/I)**<br><br>Email: cagiusordway@gmail.com | Presenter | **€472.00 inc VAT** |
| | | |
| **Vince Cumbo (Inc 46/5292/25/I)** | Għannejja | **€600.00** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Mary Spiteri** | Kantanta | **€300.00** |
| | | |
| **LESA (Inc46/5198/25/I)** | Gwardjani Lokali | **€877.20** |
| | | |
| **MIB Insurance (Inc 46/5230/25/I)** | Insurance | **€262.00** |
| | | |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

| Expenditure Sheet - Jum Pembroke/ Festa Familja 2025 | | | |
|---|---|---|---|
| **Item** | **Amount_excl_VAT** | **Amount_incl_VAT** | **Budget Line** |
| Pullicino Chairs & tables | €160.00 | €188.80 | Jum Pembroke |
| Papa's | €575.00 | | Jum Pembroke |
| | €550.00 | €1,327.50 | Jum Pembroke |
| Awards Mdina Glass | €280.00 | €308.00 | Jum Pembroke |
| JC Health & Safety Risk Assessment | €175.00 | €206.50 | Jum Pembroke |
| Insurance MIB | €262.00 | €262.00 | Jum Pembroke |
| Waste Serv Recycling bins | €0.00 | €0.00 | Jum Pembroke |
| Claire Agius Ordway | €400.00 | €472.00 | Jum Pembroke |
| Sarah Zammit Randich Runner | €476.60 | €476.60 | Jum Pembroke |
| Maltapost plc - distribution | €99.00 | €99.00 | Jum Pembroke |
| **Sum Total** | **€2,977.60** | **€3,340.40** | |
| | | | |
| **Item** | **Amount_excl_VAT** | **Amount_incl_VAT** | **Budget Line** |
| Sound tech Sound & staging | €1,100.00 | €1,298.00 | Festa Familja |
| Salvu Cleaning Services Portable toilets | €130.00 | €153.40 | Festa Familja |
| Bonnici Press - flyer | €78.75 | €78.75 | Festa Familja |
| Maltapost plc - distribution | €99.00 | €99.00 | Festa Familja |
| Michael Farrugia Runner/ social media | €100.00 | €100.00 | Festa Familja |
| Martin Folley Bouncy castle | €225.00 | €265.50 | Festa Familja |
| Valeria Zammit Photographer | €400.00 | €400.00 | Festa Familja |
| Ghanejja - Salvu Cumbo | €600.00 | €600.00 | Festa Familja |
| Red Cross | €0.00 | €0.00 | Festa Familja |
| LESA Wardens, etc. | €719.31 | €877.20 | Festa Familja |
| Damian Videographer | €450.00 | €531.00 | Festa Familja |
| Caruana Light Decor Lights | €1,840.00 | €2,171.20 | Festa Familja |
| **Sum Total** | **€5,742.06** | **€6,574.05** | |
| | | | |
| **Grand Totals** | **€8,719.66** | **€9,914.45** | |
| | | | |